**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Alan Mizzi**

**Gabriel Farrugia**

**Arnold Farrugia**

**Josmar Buhagiar**

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra:

**Arnold Farrugia** iben Francis Farrugia u Carmen nee' Vassallo, mwieled Pieta' nhar id-9 ta' Lulju 1995 u residenti gewwa Rasberry, Triq Misrah Suffara, Dingli u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 304593M;

**Gabriel Farrugia** iben Martin u Natalina nee' Fenech, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Novembru 1994 u residenti gewwa 137, Thistle, Triq il-Htajriet, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 526394M;

**Alan Mizzi** iben Albert u Monica nee' Abdilla, mwieled pieta' nhar id-29 ta' Jannar 1992 u residenti gewwa Moxa, Flat 2, Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug (Ghawdex) u detentur tal-karta ta' l-identita numru 110692M;

**Josmar Buhagiar** iben Vincent u Felicita nee' Scerri, mwieled Pieta' nhar l-10 ta' Settembru 1986 u residenti gewwa 8, Relax, triq in-Nissieg, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 410286M;

**Ommissis**

Akkuzati talli nhar il-21 ta' Settembru 2014 fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, gewwa l-Belt Valletta u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1) Assocjaw rwiehom ma xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta, li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija;

2) U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh ta' xi hadd, u cioe il-Prim Ministru ta' Malta weggghuh bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

3) U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xewxu gemgha ta' nies illi hekk imxewxa ngabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat;

4) U aktar talli, fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, liema reat fil-fatt sar;

5) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer pubblikament xewwxu lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi;

6) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer ingemghu flimkien kontra l-ligi jew wara li ngemghu kontra l-ligi ssoktaw hekk flimkien bil-hsieb li b'diskorsi fil-pubbliku b'mezzi ohra jew figuri ta' kull xorta li jkunu xewxu mibgheda jew disprezz lejn il-Gvern ta' Malta jew xewxu ohrajn biex jittantaw igibu tibdil f'xi haga stabbilita b'ligi xorta ohra milli b'mezzi skond il-ligi;

7) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ikkonguraw bejniethom biex ixewxu mibgheda ew disprezz lejn il-Gvern ta' Malta jew biex ixewxu ohrajn biex jittantaw igibu tibdil f'xi haga stabbilita b'ligi xorta ohra milli b'mezzi skond il-ligi.

Kif ukoll lil **Arnold Farrugia** wahdu:

8) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer waddab oggetti iebsin ghal twieqi ta' haddiehor jew ta' bini iehor;

9) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

10) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji u theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

11) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

12) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

13) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara invlontarja fil-proprjeta'); jew garr fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

Kif ukoll lil Omissis wahdu:

14) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer waddab oggetti iebsin ghal twieqi ta' haddiehor jew ta' bini iehor;

15) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

16) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji u theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

17) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Kif ukoll lil **Alan Mizzi** wahdu:

18) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer waddab ogetti iebsin ghal twieqi ta' haddiehor jew ta' bini iehor;

19) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

20) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji u theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

21) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Kif ukoll lil Omissis wahdu:

22) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijet ta' wara nofsinhar f'dawn il-Gzejjer hebb kontra l-'*camera person'*, Mark Zammit Cordina, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

23) U kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

24) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji u theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

25) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

26) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Kif ukoll lil Omissis wahdu:

27) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer hebb kontra l-gurnalisti Ivan Martin u Christ Sant Fournier sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

28) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

29) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji u theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

30) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Kif ukoll lil Omissis wahdu:

31) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

32) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji w theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

33) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

34) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghtija nhar id-29 ta' April 2014, mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

Kif ukoll lil **Gabriel Farrugia** wahdu:

35) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer ghamel atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

36) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ghamel ingurji w theddid fil-konfront tal-Prim ministru;

37) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

38) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta'); jew garr fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

39) Kif ukoll fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer zamm apparat (lixka t'ghasafar protetti) li l-uzu tieghu huwa projbit;

40) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif moghtija nhar il-21 ta' Marzu 2013, mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D., liema sentenza hija assoluta w ma' tistax tinbidel;

Kif ukoll lil Omissis u **Josmar Buhagiar**:

41) Talli nhar il-21 ta' Settembru 2014, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer ghamlu atti, gesti oxxeni fil-pubbliku qal kliem li jikkonsisti f'dagha;

42) U aktar talli fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghamlu ingurji w theddid fil-konfront tal-Prim Ministru;

43) U kif ukoll talli fl-istess data w cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 16 ta' Dicembru, 2015, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellhom ighaddu in gudizzju l-imputati;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' April 2016, l-imputati Alan Mizzi, Gabriel Farrugia, Arnold Farrugia u Josmar Buhagiar irregistraw ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex huma jikkonsidraw sew din l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li dik l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi ghalhekk, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-hames imputati l-ohra li ghazlu li ma jammettux l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront ta' dawn l-erba' imputati;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar piena, skond l-involviment ta' kull imputat fit-twettiq ta' dan ir-reat;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u tghaddi ghalhekk ghas-sentenza. Dan il-kaz jirrisali ghall-21 ta' Settembru, 2014, meta l-istagun tal-kacca kien gie mwaqqaf wara numru ta' rapporti ta' kacca fuq tajr protett. Fi ftit jiem giet organizzata protesta pubblika fil-Belt, fejn kienu mitluba jattendu l-kaccaturi. Dakinhar attendew madwar mitejn persuna ghal din il-protesta. Il-kwistjoni dwar il-permessi mehtiega ghal din l-attivita' kien mertu ta' proceduri ohra fil-konfront ta' Christian Aquilina, liema proceduri ilhom decizi zmien u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tikkunsidra. Apparti din il-manifestazzjoni fil-Belt, jidher li kien hemm xi incidenti aktar serji u ta' konsegwenza akbar fil-Buskett ftit tal-hin biss wara li l-protesta intemmet u n-nies telqu ghal triqithom, izda ma kien hemm ebda imputazzjoni dwar dan it-tieni incident, u ghalhekk il-Qorti ma setghet tiehu ebda provvediment fuq dan.

Lura ghall-kaz in esami, waqt din il-protesta, uhud mill-persuni presenti naqsu milli jgibu ruhhom sew, uhud aktar minn ohrajn. Dan jidher car fil-filmati esebiti fil-process, kif ukoll mix-xhieda okulari li xehdu f'din il-kawza. Mill-provi li gew prodotti, u mis-sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni, l-involviment tal-erba' imputati kien minimu u fi gradi differenti, li ghandu ghalhekk jigi rispekkjat fil-piena li l-Qorti sejra taghti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 48A, 68(1), 68(2), 68(3), 70, 73, 74, 338(bb), 338(dd), 339(1)(e), 342, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **ghall-imputati kollha**;

Rat l- Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 338(ee), 339(1)(c) tal-Kap 9 ghal **Arnold Farrugia**;

Rat l-Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 7(1)(i)(2) u 27(1)(c), (3) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 ghal **Gabriel Farrugia**;

Rat l-Artikolu 339(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal **Alan Mizzi**;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni, il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputati hatja, u ghalhekk:

Fil-konfront ta' **Alan Mizzi**, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll ghal Ammenda ta' mitt Ewro (€100).

Fil-konfront ta' **Arnold Farrugia**, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll ghal multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

Fil-konfront ta' **Gabriel Farrugia**, tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, ai termin tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li joqghod ghal ordni ta' trattament ghall-perijodu ukoll ta' tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9, taht it-tabib kuranti tieghu Dr Joe Cassar.

Fil-konfront ta' **Josmar Buhagiar**, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) millum, , ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**